Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,223, 2 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 145 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinamenti 3 u 5 ta' dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

(2) L-ordinament 6 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika mill-1 ta' Lulju, 2019 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) jista' jingħata fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

L-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, il-Classics, il-Filosofija, il-Fine Arts, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Istorja, l-Istorja Ewropea u Globali, l-Istorja tal-Arti, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji Orjentali (iċ-Ċiniż), l-Istudji Orjentali (l-Ebrajk), l-Istudji Orjentali (l-Għarbi), l-Istudji Orjentali (in-Near Eastern Studies), l-Istudji Soċjali, l-Ispanjol u l-Istudji tal-Amerika Latina, l-Istudji tat-Teatru, il-Lingwistika, il-Malti, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjoloġija, it-Taljan, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok is-sottoparagrafu (h) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(h) għal **Fine Arts**, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu portfolio li għandu jkun assessjat waqt intervista mmexxija minn bord tal-intervisti, magħmul minn tal-anqas tliet membri. L-applikanti li ma jgħaddux mill-intervista ma jistgħux jidħlu fil-Kors."

5. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Għall-qasam tal-Fine Arts, il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw, skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. In-numru ta' postijiet disponibbli għandu jiġi mħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk l-għadd ta' applikanti għall-qasam tal-Fine Arts, ikun akbar min-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jitpoġġew f'ordni ta' klassifikazzjoni skont il-kriterji approvati mis-Senat. Il-Bord tad-Dħul tal-Università, wara li jieħu l-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, għandu l-ewwel jikkunsidra l-applikanti eliġibbli li l-kwalifiki tagħhom kienu miksuba fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola jew huma minn bord tal-eżamijiet ieħor rikonoxxut, jekk il-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà jkun sodisfatt li l-kwalifiki ppreżentati huma komparabbli fil-kontenut u ekwivalenti għall-livell tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fl-istess suġġett/i. Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors u li jgħaddu mill-intervista kif stipulat fis-sottoparagrafu (h) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel. Jekk ikun hemm aktar postijiet disponibbli, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tad-dħul wara l-31 ta' Awwissu u qabel it-30 ta' Settembru għandhom jitqiesu għal postijiet li jkun fadal."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti li jixtiequ jipproċedu għall-kors tal-B.A. (Hons) f'qasam ta' studju li temmew b'suċċess, iżda li ma jkollhomx il-marka medja meħtieġa ta' 65% fil-qasam ta' studju li jagħżlu (kif meħtieg skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament) jistgħu jitħallew mill-Bord isegwu l-programm tal-ewwel sena (mingħajr eżenzjonijiet) f'dak il-qasam f'sena addizzjonali ta' studju sabiex jippruvaw jiksbu l-marka medja meħtieġa. Din id-dispożizzjoni tista' tappika darba biss matul il-Kors."